"I fall upon the thorns of life, I bleed.
"A heavy weight of hours has chained and bowed
"One too like them, tameless and swift and proud.

"Make me thy lyre, even as the forest is,
"What if my leaves are fallen like its own?
"The tumult of thy mighty harmonies

"Will take from both a deep autumnal tone
Sweet though in sadness. Be thou Spirit fierce,
My Spirit, be thou me impetuous one!"

Dun Karm, din il-laqgħa ssellem lill-ispirtu tiegħek, u nistgħu ngħidu li fil-preżenza ta' tant sinjuri li hawn il-lejla, hija Malta kollha li qiegħda ssellimlek. J'Alla ż-żgħażagħ kollha li jgħaddu minn din it-triq għal quddiem, jieqfu, jaqraw u jifhmu kif il-Poeta Nazzjonali ħabb lil Malta tagħna u jagħmlu f'rashom li jħobbu lil art twelidhom kif ħabbha u għożżha l-poeta tagħna, Dun KARM.

---

# Fil-Funeral

**Anton Buttigieg**

Il-warda sebħet
Sabiħa fil-ġmiel tal-għodwa
lesta biex iżżejjen
Sider ta' tfajla ħelwa
jew mejda ta' palazz:
iżda l-ġennien
qatagħha u dammha
f'kuruna
għall-funeral.
Il-warda għamlet li setgħet
sabiex iżżejjen
it-tebut iswed
u tfarraġ l-imnikktin.

15/7/76

# Korrispondenza *

## INWIEĠEB LIL ANTON AGIUS MUSCAT

Lill-Editur, IL-MALTI,

Sinjur,

Nixtieq nirriferi għall-ittra "Erbgħin Sena Ilu" tal-ħabib tiegħi s-Sur Anton
Agius Muscat li dehret fl-aħħar ħarġa ta' IL-MALTI. Qal sewwa l-awtur ta' l-ittra
li jien, m semmejt xejn fuq il-kustjoni li qanqal għaliex qatt ma ġie f'idejja xi
ħaġa li fuqha stajt norbot, għalkemm ħafna ħwejjeġ fost dawk li kienu jinteres-
saw ruħhom kienu "noti in Judea"; it-tieni, stajt naħseb, imma naħseb biss, min
kienu dawk li kellu f'moħħu Dr. Laferla billi dehru ċerti pubblikaz-
zjonijiet li kienu jħajruk taħseb li min kien kitibhom, għal xi raġuni
jew oħra, ma kienx baqa' sod fil-fehma tiegħu dwar l-alfabett tal-Għaqda; kien
hemm oħrajn li għal raġuni tagħhom, x'aktarx politika, l-anqas attendew ċerti laq-
għat tal-Għaqda — u dawn fil-fehma ta' Dr. Laferla setgħu jaqilgħu xi nkwiet;
it-tielet, is-Sillabu u t-tagħlim tal-Malti tħalla f'idejn wieħed li kellu esperjenza
pedagoġika ta' l-iskejjel elementari, u li kien ukoll Membru tal-Għaqda tal-Kit-
tieba tal-Malti u kittieb t' l-Istorja ta' Artna b'xejra letterarja; dan il-bniedem
kellu wkoll, imma x'aktarx f'livell personali u privat l-għajnuna ta' għadd ta'
nies oħra li kien wkoll iħobbu l-Malti u l-Għaqda.

Id-daqqa li qalgħet l-Għaqda fi żmien li Dr. Enrico Mizzi kien Ministru tal-
Edukazzjoni jista' jitkellem fuqha min għadu ħaj u forsi kellu sehem f'dik il-biċċa
xogħol, għalkemm issa wara ra d-dawl u biddel fehemtu. Dan jien għidtu bla ma
semmejt ismijiet.

Fil-ħajja ta' l-Ilsien Malti ma' tul dawn l-aħħar 55 sena inqalgħu ċerti kus-
tjonijiet li min kien qed imexxi l-Għaqda deherlu li aħjar jindifnu għall-ġid ta'
Lsienna u t-taqbida qawwija li kellna biex inħarsuh u niksbulu l-post li kien ħaq-
qu fil-ħajja Maltija; dan sabiex inkunu front wieħed kontra l-għedewwa li kienu
jinqdew bl-inqas ħaġa biex jagħmlu ħsara lill-ilsien li għalina kien tant għażiż.

Fl-aħħar nett jista' jkun hemm xi dokumenti, xi kitba, li għadha ma ratx id-
dawl għaliex forsi ma jaqbilx għal xi ħadd li jsir hekk: forsi Dr. Laferla qal lill-
Awtoritajiet jew bil-kliem jew bil-kitba min kienu n-nies li setgħu jħawdu; jien
dan ma nafux. Dak li naf hu li fil-kitba tiegħi dwar l-ewwel snin tal- Għaqda
kemm-il darba għidt li hemm ħafna vojt li jmissu jimtela u tlabt l-għajnuna ta'
kulħadd. Jisgħob bija ngħid li ħadd ma ċċaqlaq ħlief il-mejjet u mibki Profes-
sur Serafin Zarb, O.P. li tani f'idejja dokument li qabel ma kienx ġie għandi u
li jien ippubblikajt u għidt minn fejn kont ġibtu. Tgħid jaqbel li jerġa' jitqanqal
il-ħama? Fil-fehma tiegħi għadu kmieni wisq u ħsara tista' ssir u mhux ġid.
"Non omnia vera sunt dicenda" u għad fadal żmien biex tinkiteb l-istorja ta' l-
Ilsien Malti fil-prospettiva li jistħoqq.

**Godfrey Zarb Adami**

---

* Il-Korrispondenza li tidher ma tirriflettix il-fehma tal-editur jew tal-Akkademja imma hi biss responsabbiltà tal-kittieb.